# IL-KORAN IMQADDES

## GWIDA GĦALL-UMANITÀ KOLLHA



## *X'inhu l-Koran Imqaddes?*

Il-Koran Imqaddes huwa l-ktieb qaddis tal-Iżlam u huwa sors ta' gwida għall-Umanità kollha. Huwa jikkonsisti minn 30 parti u 114-il kapitlu.

Il-Koran Imqaddes jisħaq fuq l-unità ta' Alla u jafferma l-ġenwinità tal-profeti kollha. Huwa jirrikonoxxi wkoll li l-iskritturi revelati lkoll huma awtentiċi fis-sors oriġinali tagħhom. Din hija karatteristika unika tal-Koran Imqaddes u tipprovdi bażi solida għad-djalogu u l-fehim ġenwin bejn is-segwaċi ta' twemmin differenti.

Il-Koran Imqaddes jiġbor fih aspetti universali li japplikaw għall-umanità kollha meħudin minn tagħlim iktar bikri u dan isaħħu b'iktar gwida. B'dan il-mod jipprovdi kodiċi komprensiva għall-ħajja u sors ta' għerf għall-bnedmin kollha. It-tagħlim etern tiegħu għadu relevanti llum daqskemm kien meta ġie revelat iktar minn 1400 sena ilu.

Il-Koran Imqaddes ikopri firxa sorprendenti ta' suġġetti marbuta mal-aspetti kollha tal-ħajja tagħna kemm jekk soċjali, ekonomiċi, xjentifiċi, politiċi jew interreliġjużi. Il-wisa' u l-profondità tat-tagħlim tiegħu jirriflettu l-għerf infinit ta' Alla u jmissu l-istorja, il-bijoloġija umana, in-natura, l-evoluzzjoni, il-ġenetika, l-enerġija nukleari, l-astronomija, il-ħajja fl-univers, u ħafna suġġetti oħra. Madankollu l-Koran mhuwiex fih innifsu ktieb tax-xjenza jew tat-tagħrif ġenerali, iżda huwa ktieb li jħeġġeġ lill-bniedem biex jiżviluppa l-għerf tiegħu, ifittex il-verità biex b'hekk itejjeb l-għarfien tiegħu u r-relazzjoni tiegħu m'Alla.

## *Kien hemm bidla fil-Koran Imqaddes mir-Rivelazzjoni tiegħu?*

Le. Waħda mill-karatteristiċi uniċi tal-Koran Imqaddes hi proprju dik li huwa l-unika skrittura Divina mhux mibdula minn meta kienet rivelata. Din il-preservazzjoni tat-test kienet imwiegħda fil-Koran minn Alla u hi unika għaliha.

> "*Fis-sewwa, Aħna nfusna bgħattna din l-Eżortazzjoni, u bla ebda dubju Aħna se nkunu l-Gwardjani tagħha.*" (Koran Imqaddes, Kap.15:V.10)

Matul il-ħajja tal-Profeta Muħammad (il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu dejjem fuqu), it-test sħiħ tal-Koran Imqaddes inkiteb u kien memorizzat minn eluf ta' Musulmani, prattika li għadha għaddejja sal-ġurnata tal-lum. Dan huwa wkoll wieħed mill-modi ta' kif it-test tal-Koran Imqaddes ġie kkonservat fil-forma oriġinali tiegħu.

# *Min hu l-awtur tal-Koran Imqaddes?*

Il-Koran Imqaddes ma nkitibx minn persuna waħda. Kien rivelat minn Alla (permezz tal-Anġlu Gabriel) bil-lingwa Għarbija lill-Qaddis Profeta Muħammad (il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu dejjem fuqu) fuq perjodu ta' 23 sena.

Il-Profeta Muħammad (il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu dejjem fuqu), bħalma kienet id-drawwa fost l-Għarab ta' żmienu, kien bla skola u ma kienx jaf jikteb u jaqra. Meta huwa rċieva r-rivelazzjoni verbali tal-Koran Imqaddes, kien jiddetta l-kliem lill-iskribi magħżula minnu. Dan huwa l-mod li bih il-Koran Imqaddes ġie traskritt matul ħajjet il-Profeta (il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu dejjem fuqu).

## *Il-Koran Imqaddes huwa biss għall-Musulmani?*

Le. Il-Koran Imqaddes jgħid li hu ***"... gwida għal min hu tar-ruħ"*** (Kap.2:V.3) u ***"gwida għall-umanità"*** (Kap.2:V.186).

Dan ifisser li dawk kollha li jfittxu l-verità b'qalb safja jsibu l-Koran Imqaddes bħala sors għani ta' gwida.

It-tagħlim tal-Koran Imqaddes jagħti l-prinċipji bażiċi f'kull sfera tal-ħajja. Il-Koran jipprovdi gwida sħiħa lill-bniedem fuq kif dan jista' jilħaq l-għan li għalih kien maħluq u jispjega fuq liema bażi se jkun iġġudikat fil-ħajja li jmiss.

Ammont enormi ta' għerf u tifsir huwa miġbur f'kull vers, f'kull kelma u saħansitra f'kull vokali. Fl-istess ħin il-Koran Imqaddes juża espressjonijiet għonja fl-allegorija u mżewqa bis-simboliżmi.

Huwa jiddiskuti suġġetti spiritwali u intellettwali permezz ta' stejjer u parabboli li d-didattika tagħhom tgħodd kemm għall-passat u l-preżent kif ukoll għall-futur. L-istil poetiku tiegħu jagħmlu faċli biex jinqara u jkun memorizzat.

Kull kunċett, prinċipju u liġi neċessarja għall-iżvilupp etiku, morali, intellettwali u spiritwali tal-bniedem huma mfissra fil-Koran Imqaddes.

Il-Koran Imqaddes jirriafferma wkoll il-prinċipju fundamentali tal-libertà reliġjuża għal kulħadd u jħalli lill-bniedem ħieles biex jaċċetta din il-gwida b'kontabilità lejn Alla biss.

# Talba eċċellenti

L-ewwel kapitlu tal-Koran, Al Fatiħah (imsemmi taħt), jiġbor fih il-qofol tat-tagħlim tal-Koran kollu.

> *"F'isem Alla, li fih issib il-Grazzja, il-Ħniena.*
> *Kull tifħir jgħodd għal Alla, Sid id-dinjiet kollha,*
> *Li hu mimli bil-Grazzja, bil-Ħniena,*
> *Sid ta' Jum il-Ġudizzju.*
> *Lilek biss inqimu u Lilek biss nitolbu l-għajnuna.*
> *Iggwidana fit-triq it-tajba –*
> *It-triq ta' dawk li fuqhom ferrixt il-barkiet tiegħek, dawk li fuqhom ma ġibdux id-dispjaċir, u dawk li ma żgarrawx mit-triq it-tajba."*

Din it-talba hija magħduda mill-Musulmani madwar id-dinja bħala parti mit-talb ta' kuljum biex tfakkarhom fit-tjubija ta' Alla.

## *Xi traduzzjonijiet tal-Koran Imqaddes*

Il-Komunità Aħmadija Musulmana qalbet it-test tal-Koran Imqaddes f'iktar minn 70 lingwa, fosthom il-Bangla, iċ-Ċiniż, l-Olandiż, l-Ingliż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Korean, il-Ġappuniż, il-Persjan, ir-Russu, is-Swaħili u l-Yoruba. Ippubblikat it-traduzzjoni tal-Koran anki fil-Braille.



# *Xi tagħlim importanti tal-Koran Imqaddes*

## L-Unità t'Alla

'Għidu, "Huwa Alla, il-Wieħed; Alla, l-Indipendenti u l-Imfittex minn kulħadd." *(Kap.112:Vs.2-3)*

## It-twemmin fil-profeti kollha

'... kollha kemm huma (il-fidili) jemmnu f'Alla, u fl-anġli Tiegħu, u fil-Kotba Tiegħu, u fil-Messaġġiera Tiegħu, jgħidu, "Ma nagħmlu l-ebda distinzjoni bejn il-Messaġġiera Tiegħu kollha";' *(Kap.2:V.286)*

## Il-libertà reliġjuża

'M'għandux ikun hemm sfurzar fir-reliġjon.' *(Kap.2:V.257)*

## Ir-rispett lejn ir-reliġjonijiet kollha

'Ċertament, dawk li jemmnu, u l-Lhud, u l-Insara u s-Sabjani – kull min minn fost dawn jemmen tabilħaqq f'Alla, fil-Ġurnata tal-Ġudizzju u jwettaq għemejjel tajba – se jkollu l-premju mas-Sid tiegħu, u l-ebda biża' mhi sejra tiġi fuqu, u lanqas sejjer jitnikket.' *(Kap.2:V.63)*

## Opportunitajiet ugwali għall-irġiel u n-nisa

'Ċertament, irġiel li jissottomettu ruħhom għal Alla u nisa li jissottomettu ruħhom Għalih, u rġiel li jemmnu u nisa li jemmnu, u rġiel ubbidjenti u nisa ubbidjenti, u rġiel onesti u nisa onesti, u rġiel sodi fil-fidi u nisa sodi fil-fidi, u rġiel umli u nisa umli, u rġiel li jagħmlu l-karità u nisa li jagħmlu l-karità, u rġiel li jsumu u nisa li jsumu, u rġiel li jieħdu ħsieb tal-kastità tagħhom u nisa li jieħdu ħsieb tal-kastità tagħhom, u rġiel li jiftakru ta' spiss f'Alla u nisa li jiftakru ta' spiss Fih – Alla ħejja għalihom kollha l-maħfra u premju kbir.' *(Kap.33:V.36)*

## Il-Qdusija tal-Ħajja

'... kull min joqtol persuna ... qisu qatel l-umanità kollha; u min jagħti l-ħajja 'l wieħed qisu ta l-ħajja 'l-umanità kollha.' *(Kap.5:V.33)*

## Il-Verità

'O intom li temmnu! Kunu stretti biex tosservaw il-ġustizzja u kunu xhieda f'isem Alla anke jekk ikun kontra nfuskom jew kontra l-ġenituri u nieskom. Kemm jekk sinjur jew fqir, Alla jagħti kashom it-tnejn iktar minnkom. Għalhekk issegwux ix-xewqat baxxi biex b'hekk tkunu tistgħu timxu b'ġustizzja. U jekk taħbi jew twarrab il-verità, ftakar li Alla jaf sew x'inti tagħmel.' *(Kap.4:V.136)*

## Il-Ġustizzja

'O intom li temmnu! Kunu sodi fil-kawża ta' Alla, billi tkunu xhieda ta' ekwità; u tħallux il-mibegħda tan-nies tqanqalkom biex ma taġixxux bil-ġustizzja. Kunu dejjem ġusti, biex tkunu eqreb lejn is-sewwa. U ibżgħu minn Alla. Alla jaf x'intom tagħmlu.' *(Kap.5:V.9)*

## Il-Karità

'Jekk tagħmlu l-karità bil-miftuħ tkunu qed twettqu s-sewwa, iżda jekk taħbuha u tagħtuha lill-foqra, ikun aħjar għalikom; u Hu (Alla) ineħħilkom ħafna mid-dnubiet tagħkom. U Alla konxju ta' dak li tagħmlu.' *(Kap.2:V.272)*

## L-Umanità

'Tabilħaqq Alla jordna l-ġustizzja, u li wieħed jagħmel it-tajjeb lill-oħrajn; u li wieħed jagħti bħall-aħwa.' *(Kap.16:V.91)*

Lealtà

Ħelsien

Rispett

Ugwaljanza

Paċi

# IMĦABBA
GĦAL KULĦADD
# MIBEGĦDA
GĦAL ĦADD


**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**


*A brief introduction about the Holy Quran – A Guidance For All Mankind, in Maltese language.*


**Mob:** +356 7932 0139 • **Tel:** +356 2734 2401
**Tel:** +356 2132 2105 • **Fax:** +356 2732 2105
**Email:** amjmalta@gmail.com

**www.ahmadija.org.mt**
**www.ahmadiyyamalta.org**